MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Numru 119/2006

Il-Pulizija
(Sp Stephen Mallia u
Sp Anthony Agius)
vs
Amadeo Grima, iben Anthony,
imwieled Pieta' fit-8 ta' april,
1980

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-6 ta' frar, 2006 għal ħabta tal-11.30 a.m., fil-Ħamrun, ikkometta serq ta' vettura tal-korp tal-pulizija tal-marka Ford Sierra, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAQ 769 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali GVP 155), liema serq hu kkwalifkat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, fil-Ħamrun u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-għamla Ford Sierra, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAQ 769 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali GVP 155), mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' Dwar it-Trasport pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terżi persuni;
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ;ati ta' diversi reati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
5. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza tat-13 ta' ottubru, 2004 fejn hu kien misjub ħati ta' reat ta' serq aggravat u ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin;
6. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza tal-14 ta' mejju, 2003 fejn l-istess Amadeo Grima kien gie misjub ħati ta' sensiela ta' serq aggravat u ġie kkundannat sentejn priġunerija sospiża għall-erba' snin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' mejju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu ħlief dik tar-riċettazzjoni.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberh minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' elf lira maltin (Lm1,000). Tordna li jiġi inibit milli jkollu kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena minn meta jispiċċa jiskonta l-piena ta' priġunerija. Dwar is-sentenza sospiża mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' mejju, 2003, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza għandha tibda sseħħ u għalhekk tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' sentejn priġunerija skond l-imsemmija sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------